**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2021**

**Kawza Nru. 1**

**Rikors Nru. 1592/2000**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Velga Bros Limited (C5641) li kienet xjolta, u kien ordnat l-istralc taghha, bi provvediment tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta` April 2008**

**Dan huwa provvediment fejn, sabiex tkun determinata l-konsistenza tal-assi tas-socjeta` Velga Bros Limited (C5641), qeghda tippronunzja ruhha finalment dwar pretensjonijiet kontestati hekk kif dawn huma mfissra f`rikors li kien prezentat fil-15 ta` Ottubru 2018 (fol 865 et seq).**

**Il-Qorti :**

Il-kawza li finalment wasslet ghad-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc ta` Velga Bros Limited ("**Velga**") kienet giet istitwita minn whud

mill-azzjonisti taghha abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386. Kienet kawza proposta minn Carmela Vella, Anthony Vella u Raphael Vella li flimkien kellhom il-minoranza tal-ishma u cioe` 1667-il sehem minn 10,000 sehem. Il-kumpannija kienet intimata wahedha fil-kawza. L-azzjonisti l-ohra kienu Saviour, Victoria, Vincent, Carmel, Raymond u Joseph ahwa Vella, li flimkien kellhom it-8,333 –il sehem.

Ir-ragunijiet ghala l-azzjonisti ta` minoranza mexxew bl-azzjoni huma spjegati fil-premessi tar-rikors promotur fejn ilmentaw minn ksur tal-jeddijiet taghhom skont l-ewwel (1) subartikolu tal-Art 402. Fid-decizjoni taghha tas-16 ta` April 2008 il-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabet favur ir-rikorrenti.

Bhala rimedju, u bl-applikazzjoni tas-subartikolu (3) tal-Art 402, il-qorti ghamlet dikjarazzjoni ta` xoljiment tal-kumpannija u ordnat l-istralc taghha. Il-motivazzjoni tal-qorti kienet :-

*L-ilmenti principali tar-rikorrenti huma ndikati fl-istess rikors – is-socjeta` bieghet l-assi principali taghha minghajr ma gew infurmati ; il-bidla tad-diretturi minghajr ma gie osservat l-istatut tas-socjeta` ; u t-tqassim ta` assi tas-socjeta` fost l-azzjonisti maggoritarji bi pregudizzju ghar-rikorrenti.*

*Barra minn hekk isostnu fir-rikors li ghandhom informazzjoni li ser tissejjah laqgha tal-azzjonisti biex jigi propost hlas ta` servizz allegatament res lill-azzjonisti maggoritarji li skont ir-rikorrenti ser isir b`mod abbuziv.*

*Barra minn hekk semmew it-tnehhija ta` Carmela Vella bhala azzjonista u l-fatt ukoll li l-accounts tas-socjeta` ma gewx prezentati lir-Registratur tas-Socjetajiet sa mill-1998.*

*Ir-rikorrenti ahwa Vella ghandhom elf, mija u hdax-il (1,111) sehem kull wiehed u ommhom, ir-rikorrenti Carmela Vella hames mija u sitta u hamsin (556) sehem minn total ta` ghaxart elef (10,000) sehem skont ir-rikors, ghalkemm l-ammont preciz tal-ishma tar-rikorrenti ma giex precizat fil-gbir tal-provi – madankollu jammontaw ghal bejn wiehed u iehor kwart tal-pakkett azzjonarju kollu.*

*Ghalhekk bhalissa hemm kjarament disgwid bejn ir-rikorrenti li ghandhom kwart tal-azzjonijiet kontra l-kumplament li ghandhom it-tliet kwarti – allura dawn tal-ahhar qed jiehdu decizjonijiet li r-*

*rikorrenti qed ihossu li jaqghu taht l-Artiklu 402. Fost il-hafna nuqqas ta` qbil li hemm bejn il-partijiet jirrizultaw pero` xi fatti nkontrastati. L-ewwel li l-assi principali tas-socjeta` kienet minghajr dubju l-pompa tal-petrol ghalkemm is-socjeta` ghandha wkoll xi proprjetajiet ohra. Madankollu l-valur ta` dawn il-proprjetajiet ma huwiex tali li b`xi mod jassigura t-tkomplija tal-gestjoni tal-kumpanija fuq il-bazi li kienet tikkummercja bil-pompa tal-petrol. It-tieni li s-socjeta` ilha ghal diversi snin ma tissottometti l-kontijiet taghha skont il-ligi lir-Registratur tas-Socjetajiet. It-tielet, a fol 461 tal-process gew esebiti l-minuti tal-laqgha generali straordinarja tas-socjeta` ntimata li saret fit-23 ta` Gunju, 2001 fejn Raymond Vella ppropona u Joseph Vella ssekonda proposta li s-socjeta` tigi likwidata u tigi approvata skema ta` distribuzzjoni. Din il-proposta giet approvata unanimament, anzi t-terminologija preciza kienet : "The motion to place the company under voluntary liquidation was carried unanimously as long as this is carried out under the Court`s supervision. The Directors are in agreement."*

*Id-dicitura tal-Artiklu 402 tindika li l-azzjoni tista` tkun ibbazata kemm fuq dak li gara, kif ukoll ghal dak li huwa probabbli li ser jigri ; li l-azzjoni jew l-omissjoni ser tkun kontra l-membru jew membri b`tali mod li ser tkun kontra linteress tal-membri b`mod generali – allura, fil-fehma talQorti kontra l-interessi tal-istess socjeta`. Ghandu jinghad li ma hemmx ghalfejn l-azzjoni lamentata tkun illegali jew li tikser l-istatut tal-kumpanija ghaliex ghal dawn hemm rimedji ohra. Hawnhekk wiehed qieghed fl-ambitu ta` azzjonijiet tal-kumpanija (rapprezentata mill-maggoranza tal-ishma) li huma fi kliem il-ligi oppressivi, jiddiskriminaw kontra jew joholqu pregudizzju mhux gust fil-konfront tal-azzjonisti minoritarji.*

*Fuq dan il-punt, u cioe` li l-azzjoni tal-kumpanija ma hemmx ghalfejn tkun irregolari jew illegali, il-manwal tal-Professur Andrew Muscat, Principles of Maltese Company Law jiccita xi sentenzi tal-Qrati Inglizi f`pagna 971. Fir-rigward tal-unfair prejudice l-istess manwali jiccita sentenza, (Ringtower Holdings plc) fejn intqal illi the conduct must be both prejudicial ... and also unfairly so ; so conduct may be unfair without being prejudicial or prejudicial without being unfair and in neither case could the section be applied." Il-manwal fl-istess parafrafu jghid illi : "Conduct may be lawful but still unfairly prejudicial and therefore actionable." U iktar `il quddiem : "In determining whether the conduct, act or omission is unfairly prejudicial or otherwise, various factors may have to be taken into account by the Court."*

***Il-Qorti wara li ezaminat il-provi jidhrilha li iktar ma s-socjeta` ntimata ddum biex tigi stralcjata, iktar ser isirilha hsara, u allura iktar hsara lil kull membru komprizi r-rikorrenti. Da parti taghhom l-azzjonisti l-ohra li ghandhom bhalissa l-kontroll tal-maggoranza tal-pakkett azzjonarju, jistghu jibbenefikaw minn dan id-dewmien ghaliex qed jistennew li jithallsu tas-servigi li taw u jista` jkun ghadhom jaghtu lill-kumpanija; fir-rigward tal-passat jista` jkun li dan il-hlas ghandu jithallas, izda meta llum jirrizulta car li l-kumpanija mhux qed tinnegozja meta l-assi principali nbieghu (dan anke johrog mid-deposizzjoni ta` Victoria Vella, wahda mill-azzjonisti maggoritarji u mill-istess decizjoni li ttiehdet fl-2001 li s-socjeta` tigi likwidata) ma hemmx lok li s-socjeta` tkun addossata bi spejjez inutili.*** (enfasi ta` din il-qorti)

*Ghalhekk ukoll ghalkemm ir-rikorrenti ma bbazawx l-azzjoni taghhom fuq il-fatt li ladarba nbieghet il-pompa s-socjeta` ma tistax tiggenera qligh u ghalhekk qed jinholoq pregudizzju serju – kif wiehed isib fil-manwal ta` Gower, Principles of Modern Company Law : "Where for example a company has sold its business or divested itself of its major assets, then even though the majority may wish the company in existence and invest the proceeds under some valid power to do so, a dissenting shareholder may be entitled to say `put an end to it, pay me my money`." Finalment in-nuqqas tal-prezentata tarrapporti finanzjarji wkoll johloq hsara evidenti lis-socjeta`, li allura tohloq pregudizzju ghar-rikorrenti.*

Din id-decizjoni ghaddiet in gudikat.

**Ikkunsidrat :**

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta` Lulju 1960 fil-kawza "**Antonio Caruana et vs Joseph Tabone et**" inghad hekk :-

*L-istralc huwa dak il-perijodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b`serje ta` operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci jew mill-qorti biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in corso, jezigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet u hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjeta` biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x`jitqassam jew passiv li ghandu*

*jigi sopportat. Huwa ma jistax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda ghaliex appuntu l-funzjoni tieghu hija dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin u ghaldaqstant ghal hekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu.*

[ara wkoll is-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta` Mejju 1993 fil-kawza "**Salvatore Bondin vs Paul Vella noe**"]

L-istralc beda quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili wara d-decizjoni ta` dik il-qorti tas-16 ta` April 2008. Meta l-istralc sar kompetenza ta` din il-qorti, ghaxar snin wara li beda, u cioe` b`effett mid-9 ta` April 2018 (ara l-verbal tal-udjenza tat-2 ta` Lulju 2018 a fol 860) il-proceduri ma kinux ghadhom konkluzi, u sal-lum ghadhom mhux konkluzi, ghalkemm bil-provvediment tal-lum, l-istralc joqrob lejn l-gheluq. L-istralc ma setax jinghalaq ghaliex hemm azzjonisti li qeghdin jallegaw li ghandhom jiehdu flus mill-kumpannija. Id-dettalji tal-pretensjonijiet huma dedotti f`rikors li pprezentaw l-azzjonisti kollha flimkien fil-15 ta` Ottubru 2019.

**Ikkunsidrat :**

**Ghall-fini tal-accertament tal-pretensjonijiet li tressqu ghall-konsiderazzjoni taghha, il-qorti rat l-atti tal-kawza li kienet deciza fis-16 ta` April 2008 u l-atti ta` wara. Abbazi tal-kriterju tal-bilanc ta` probabilitajiet fondat fuq il-preponderenza tal-provi, il-qorti tqis infondati u ngustifikati l-pretensjonijiet kollha li tressqu, u ghalhekk qeghdin jigu respinti. Tordna lill-istralcjarju sabiex joqghod fuq id-direzzjoni taghha u jipprocedi ghat-tfassil ta` skema ta` distribuzzjoni.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**